# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 18 ta' Novembru 2024

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**MICHAEL SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat Michael Spiteri ta' 38 sena, iben Raymond Spiteri u Maria Lourdes nee Zammit, imwieled ġewwa l-Pietà, Malta nhar l-4 ta' Novembru 1986, u residenti fi 1 Triq iċ-ċimiterju Żabbar, detentur tal-Karta tal-Identità numru 505286M u akkużat talli għal ħabta ta' bejn it-tlieta (03:00hrs) ta' filgħodu u is-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) ta' nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa **Triq Giuseppe Micallef Żabbar** u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' **sellum** liema serq huwa ikkwalifikat **bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin,** u dan sar għad-detriment ta' **Clayton Grogan** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Onor Maġistrat Dr Claire L Stafrace Zammit fit-tlieta (03) ta' Ġunju 2021.

U aktar talli:

3. Talli huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tirrevoka il-Kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest ta' Michael Spiteri u tordna li jerġa jiġi arrestat, filwaqt li s-somma imniżżla fil-kundizzjonijiet tal-Ħelsien tal-arrest tittieħed mill-Gvern ta' Malta kif stipulat minn artikolu 579 (2)(3) tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirristetwixxu lill-parti offiża kull ħaġa minnhom misruqa hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 15A u 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Onorabbli Qorti kienet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' **Clayton Grogan** billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C

Rat illi fl-ewwel seduta li kellu l-akkużat huwa wieħed li m'huwiex ħati iżda waqt is-seduta tal-lum huwa rreġistra l-ammissjoni tiegħu għar-reati minnu mwettqa.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li dakinhar tat-30 ta' Ottubru 2024, l-akkużat seraq sellum li kien marbut ma' saqaf tal-vann tal-parte ċivile Clayton Grogan. Jirriżulta li l-vann bis-sellum mgħobbi fuqu kien ipparkjat quddiem ir-residenza tal-parte ċivile meta l-akkużat, li kien għaddej bil-mixi ma persuna oħra, lemaħ is-sellum u ħadu minn fuq il-vann. Il-filmati tas-CCTV rrekordjaw kollox.

L-akkużat ammetta l-involviment tiegħu fl-istqarrija u xehed li hu seraq is-sellum sabiex ikun jista' jixtri d-droga, peress li għandu problema ta' abbuż ta' sustanzi.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li għalkemm din mhux l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejħ mal-ġustizzja u li piena karċerarja effettiva hija idonea f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara li din il-piena għandha tkun fil-minimu, anke għaliex huwa ċar li din is-serqa saret minħabba problemi ta abbuż ta' droga li għandu l-istess akkużat.

Il-Qorti tqis ukoll li jkun inutli li l-akkużat jiskonta l-piena mingħajr ma jibbenefika minn dan iż-żmien ta' iżolament mis-soċjetà u għal dan l-għan qed timponi fuq l-akkużat Ordni ta' Trattament bil-għan li joħroġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bħala persuna aktar b'saħħitha minn kif daħal.

Illi fir-rigward tal-Ksur tal-Ħelsien mill-Arrest, il-Qorti tqis li piena ta' priġunerija kif ukoll pekunjarja hija idonea f'dawn iċ-ċirkostanzi iżda l-Qorti m'għandhiex tirrevoka l-istess Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest.

Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(f)(g), 270, 271 (g) 281 (b), 289, u 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Michael Spiteri <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena komplessiva ta' dsatax(19)-il xahar priġunerija effettivi.

Illi b'żieda ma' din il-piena, il-Qorti qed tordna l-konfiska tas-somma ta' €50 mill-garanzija personali imposta fuq Michael Spiteri permezz tad-Digriet u Kundizzjonijiet Għall-Ħelsien mill-Arrest datat it-3 ta' Ġunju 2021 erogat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ppresjeduta mill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit, b'dan illi l-libertà proviżorja m'hijiex qed tiġi b'dan revokata;

Inoltre, għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Michael Spiteri sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perijodu ta sentejn u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, inkluż li jingħata kwalunkwe għajnuna psikjartrika u/jew psikoloġika jekk meħtieġa.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħati Michael Spiteri sabiex jirrestitwixxi lil Clayton Grogan is-somma ta' €185 rappreżentanti l-valur tas-sellum misruq.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkużat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur Servizzi Probation and Parole u lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**